MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2693/2002

***Aquatess Limited***

***vs***

***Thomas Vella***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u tmenin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm87.65) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' -ittra ufficjali tad-9 ta' Ottubru 2001, 11 ta' Jannar 2002, 11 ta' Gunju 2002, 23 ta' Lulju 2002 u 9 ta' Settembru 2002 u bl-imghaxijiet mid-9 ta' Ottubru 2001 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Renato Cefai ghas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u tmenin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm87.65), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tad-9 ta' Ottubru 2001, 11 ta' Jannar 2002, 11 ta' Gunju 2002, 23 ta' Lulju 2002 u 9 ta' Settembru 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------